MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 525/2004

**Michelina Cilia (ID 63975 M) u Alessia Cilia (218576 M)**

**vs**

**Josephine Cilia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-5 ta’ Ottubru, 2004 fejn talbu lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenuta li thallas dik is-somma hekk likwidata minn din il-Qorti lill-atturi rapprezentanti servigi minnhom rezi lill-konvenuta tul il-perjodu bejn l-1987 u l-2001.

Ghal finijiet ta’ kompetenza qieghed jigi ddikjarat illi l-ammont reklamat ma jeccedix is-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5000).

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. It-talba ta’ l-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

2. Fil-fatt l-esponenti ma ghandha taghti xejn lill-atturi, ghaliex l-esponenti dejjem hallset lill-atturi ghal kull servigi li setghu ghamlu l-atturi.

3. Barra dan, l-attrici Michelina Cilia serqet hamest elef lira fi flus u serqet ukoll diversi oggetti ta’ valur, inkluz oggetti tad-deheb, mid-dar tal-esponenti, u li taghhom l-istess attrici ghaddejja proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr Micallef Trigona). Dawn il-flus u oggetti qatt ma gew ritornati lill-esponenti.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija preskritta a termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16.

Ghal u fi kwalunkwe kaz it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri legali tad-9 ta’ Jannar 2002, 18 ta’ April 2002, 3 ta’ Settembru 2002, 9 ta’ Dicembru 2002 u 26 ta’ Dicembru 2002 kontra l-atturi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi wahda mill-eccezzjonijiet tal-konvenuta tirrigwarda ostakolu ghall-azzjoni attrici fil-kuntest ta’ l-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 li jippreskrivi terminu ta’ hames snin sabiex l-attrici tiddeduci t-talba taghha. Fil-fatt dan huwa t-terminu korrett ghal fini tal-preskrizzjoni (ara <u>Georgina Xuereb vs Avukat Dr Guiseppe Sacco et noe</u> Vol XXII pt ii pg 342 konfermata fl-Appell fit-18 ta’ Novembru 1946; <u>Emanuele Cassar vs Maria Ciappara</u> Vol XXX VII pt i pg 82; <u>Maria Debono vs Dolores Portelli</u> Vol XXXVIII pt i pg 207 u <u>Agostino Pace vs Antonio Agius</u> Vol XXX IX pt ii pg 515).

L-attrici qieghda titlob servigi bejn il-perijodu 1987 u t-2001. Ovvjament huma biss l-ahhar hames snin li jistghu jigu kunsidrati minn din il-Qorti. Ma jirrizultax illi f’xi zmien saret xi ittra ufficjali mill-attrici biex tinterrompi l-preskrizzjoni u l-unika att illi jezisti li bih il-preskrizzjoni giet interrotta hija proprju din il-kawza illi giet imressqa fil-5 ta’ Ottubru 2004. Ghalhekk jekk wiehed jiehu hames snin minn din l-ahhar data ssib li l-unika snin li taghhom l-attrici tista’ tigi kumpensata huma bejn il-1999 u t-2002 peress illi kif xehdet hi stess waqfet tippresta servigi f’Ottubru 2002 (fol 16).

L-attrici xehdet illi l-konvenuta hija z-zija ta’ missierha u illum ghandha  seba’ u tmenin sena u kienet toqghod fil-fond 1 Our Lady of Nights Street, Zebbug. Peress illi l-konvenuta kienet mara anzja, l-genituri ta’ l-attrici Alessia li allura kellha hdax-il sena, kienu baghtuha torqod maz-zija taghha, cioe’ l-konvenuta u baqghet taghmel hekk sakemm kellha sitta u ghoxrin sena. Meta spiccat mill-iskola ta’ sittax-il sena l-attrici ghamlet sentejn ma tahdimx u f’dawn is-sentejn kienet tghin hafna lill-ommha fil-facendi tad-dar illi kienet taghmillha a beneficcju tal-konvenuta.  Kienet anke tohrog tixtrilha u anke taghmel affarijiet ohra. Veru illi missierha ghandu erba’ hutu izda kienu biss l-atturi li kienu jipprestaw xi servigi.

Ghall-ewwel jidher li kien hemm relazzjonijiet tajba bejn il-partijiet. Tant hu hekk illi l-attrici ssemmi illi l-konvenuta kienet qaltilha li sejra tikkonpensaha fit-testment u taf illi gie n-nutar id-dar, izda x’gara ma tafx. Darba minnhom il-konvenuta waqghet u kisret saqajha u ghamlet xi zmien l-isptar. Waqt illi kienet hemm l-attrici Michelina staqsiet lill-konvenuta x’kienet ghamlet bid-deheb li l-konvenuta kienet weghditha. Qaltilha illi kienu f’xi kexxun f’kamra fid-dar taghha, izda meta l-attrici Michelina Cilia marret fil-post indikat ma sabet xejn, imbaghad il-konvenuta qaltilha illi kienet tat id-deheb lil bniet ta’ hut missierha.

Hawnhekk Michelina Cilia hadet ghaliha bil-kbir u ddecidiet li  ma tkomplix tippresta servigi lill-konvenuta.  L-istess ghamlet l-attrici bintha Alessia li spiccat li ma hadet

xejn. Fuq suggeriment illi l-konvenuta kienet taghtiha ghoxrin lira fix-xahar, Alessia qalet illi dan ma kienx minnu. L-unika kumpens illi l-konvenuta qalet illi ser taghtiha kien illi ser thalli xi sehem mid-dar taghha, izda fuq dan Alessia ma tafx jekk fil-fatt sarx u ghalhekk f'dan l-istadju baqghet b'xejn.

Ix-xhieda taghha hija korroborata minn dik ta' ommha Michelina Cilia (fol 20) fejn din ukoll kienet tippresta servigi lill-konvenuta. Principalment dana kien jinvolvi xoghol domestiku li normalment isir minn mara tad-dar, pero' in kontro ezami a fol 25 l-attrici Michelina Cilia tirrikonoxxi illi darba minnhom il-konvenuta tatha elf lira maltin wara li kienet irceviet ic-cekkijiet bl-arretrati tal-pensjoni u kien hemm okkazzjoni ohra meta l-konvenuta kienet rebhet it-Tiritombla u kienet tatha mitt lira. Ghalhekk il-Qorti tirrileva illi filwaqt illi l-attrici Alessia Cilia ma hadet xejn, ommha Michelina Cilia tista' tgawdi minn hlas mill-inqas ta' elf lira li hija rceviet mill-konvenuta.

Ikkunsidrat:

Mil-lat legali ma hemmx dubbju illi l-atturi pprestaw servigi lill-konvenuta. Fil-kaz <u>Carmela Farrugia vs Mary Abela</u> (Vol XXV pt i pg 301) il-Qorti qalet *"anke jekk ma jkunx gie pattwit hu dovut kumpens ghal servigi meta mic-cirkostanzi jirrizulta li l-prestant kellu l-intenzjoni li jithallas. Il-prestazzjoni gratwita ma ghandhiex tigi prezunta salv konsiderazzjoni ohra f'kaz ta' stretti parenti."* Veru illi l-partijiet kienu jigu minn xulxin u kien hemm parentela stretta bejniethom pero' qatt ma kien hemm l-intenzjoni li s-servigi resi kienu ser ikunu gratuwiti, la min nahha ta' l-atturi u lanqas min nahha tal-konvenuta illi kienet minn dejjem, almenu bil-kliem tghid illi kienet ser tikkumpensa lill-atturi tax-xoghol illi kienu jaghmlu maghha.

Veru illi l-konvenuta ghamlet xi pagamenti pero' jidher illi dana ma kienx sodisfacenti zgur ghall-attrici Alessia Cilia. Il-fatt pero' illi rceviet xi kumpens ma jfissirx illi b'daqshekk irrinunzjat ghal xi kumpens iehor illi setghet tiehu sforz ix-xoghol illi kienet twettaq. Fil-kawza <u>Salvatore Camilleri vs Paolina Piscopo</u> (Vol XXIX pt i pg 931) il-Qorti rriteniet

*“gie anke ritenut illi kumpens addizzjonali hu ammissibbli wkoll meta wiehed jircievi rinumerazzjoni insufficjenti ghal xhiex min ircieva s-servigi jkun tah tama’ li jikkumpensah b’mod iehor u mbaghad ma jzommx kelmtu.”* Dana huwa proprju dak li gara f’dan il-kaz. Il-konvenuta Josephine Cilia kienet tat tama lill-atturi li kienet ser tikkonpensahhom b’mod xieraq ghas-servigi illi kienu qeghdin jaghmlu maghha. Lil Alessia weghditha sehem mid-dar taghha, waqt illi lill-ommha kienet weghditha xi deheb u xi flus. Filwaqt illi almenu l-omm irceviet elf u mitt lira kif xehdet hi stess a fol 25 l-attrici Alessia baqghet ma rceviet xejn.

Jidher li mbaghad ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet marru ghall-ghar meta l-atturi kienu abbandunaw is-servizzi li kienu jipprestaw. Dan pero’ ma jfissirx illi huma tilfu d-dritt ta’ kumpens. Fil-kawza Maria Rosa Vella vs Marianna Galea (Vol XXV pt ii pg 594) gie ritenut illi *“l-fatt li gie pattwit u effettivament imhallas somma flus ghal servigi resi ma jeskludix illi dak li jservi jkollu d-dritt li jitlob u jottjeni suppliment ta’ hlas mill-assi tal-persuna moqdija. Dan id-dritt lanqas jintilef minhabba li min iservi jkun abbanduna s-servizz qabel il-mewt tal-persuna moqdija”.*

Ghalhekk fil-kuntest tal-gurisprudenza kkwotata l-Qorti hija sodisfatta illi l-atturi gabu provi bizzejjed sabiex jiggustifikaw it-talba taghhom ghal kumpens. Tibqa’ issa l-kwistjoni tal-quantum.

Ikkunsidrat:

F’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tapprezza li mhux dejjem ikun possibli ghall-atturi illi jipproducu dokumenti, rcevuti u fatturi tax-xoghol li huma jkunu pprestaw lill-parti l-ohra. Minhabba l-familjarita’ illi tkun tezisti zgur li hadd ma joqghod izzom registru tax-xoghol illi jkun sar, allura f’dan in-nuqqas meta jigi rikonoxxut id-dritt ta’ kumpens, il-Qorti hija awtorizzata illi *arbitrio bono viri* tohrog cifra sabiex tiggustifika l-ammont li jkun dovut lill-atturi. Dawn ghamlu xoghol siewi u forsi b’daqsxejn diffikulta mehud in konsiderazzjoni l-istat fiziku xejn tajjeb tal-konvenuta. Il-Qorti jidrilha illi ta’ dan l-atturi jisthoqqilhom kumpens ta’

elf lira fis-sena kalkolati fuq medda ta' tlett snin bejn il-1999 u t-2002. Dan jintitola lill-attrici Alessia Cilia illi tircievi l-ammont ta' tlett elef lira, waqt illi ommha Michelina peress illi diga' hadet elf lira jisthoqqilha elfejn lira ohra.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenuta illi thallas lill-attrici Alessia Cilia l-ammont ta' tlett elef lira maltin (Lm3,000) u lil Michelina Cilia l-ammont ta' elfejn lira maltin (Lm2,000) rapprezentanti servigi minnhom rezi lilha tul il-perjodu 1999 sat-2002.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------